30 ta' April, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Edwin Vassallo ne. *versus* Salvatore Ballucci

## Kont Korrent — Interessi — Self — Anatoċiżmu.

*Għalkemm il-kont korrent jinsab inkorporat fil-Kodiċi tal-Kummerċ, ma hemm xejn fil-liġi jew fl-użi lokali li jimpedixxi illi l-istess jista' jiġi kuntrattat bejn persuni li ma humiex kummerċjanti, jew li waħda minnhom ma hiex kummerċjant. U meta hemm dak il-kont korrent kuntrattat, huwa preżunt li l-istess persuni riedu jassoġġettaw ruħhom għal dawk l-użi, li huma l-użi kummerċjali.*

*Fost dawn l-użi hemm dak illi l-interessi jimmaturaw "ipso jure", u dak illi l-interessi jistgħu jiġu akkumulati fuq il-kapital wara ż-żmien konvenut (ta' sena, sitt xhur, tliet xhur, u anki ta' xahar, skond il-ftehim), sabiex jikkostitwixxu kapital ġdid, kif ukoll dak li kull entrata tikkostitwixxi novazzjoni.*

*L-anatoċiżmu, ossija l-interessi fuq l-interessi, huwa regolat mill-liġi ċivili fis-sens li ma jistgħux jintalbu dawn l-interessi ħlief wara li jkunu skaduti u mill-ġurnata ta' talba ġudizzjarja, jew b'konvenzjoni posterjuri; bil-kondizzjoni però, sija fl-ewwel każ kemm fit-tieni ipotesi, illi l-interessi jkunu dovuti għal żmien mhux inqas minn sena. Imma f'materja ta' kont korrent dan il-prinċipju jinsab derogat; għax il-kuntratt ta' kont korrent "per sè" mhux kuntratt ta' mutwu, avvolja fih ikun hemm imdaħħlin xi somom b'self; u l-korrispondenti f'dak il-kuntratt ma humiex mutwanti, imma mandatarji.*

*Anki r-regola illi l-interessi ma jkomplux jiddekorru malli jeċċedu l-kapital ma tibqax isseħħ fil-kuntratt ta' kont korrent.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £635. 7. 8, flus li l-Banka attriċi avanzat lill-konvenut b'apertura ta' kreditu b'kont korrent b'titolu ta' self, kompriżi l-imgħaxijiet sal-31 ta' Diċembru 1946 (dok. A). Bl-imgħaxijiet ulterjuri tas-sitta fil-mija fis-sena. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tas-sekwestru tat-8 ta' Marzu 1947;

***Omissis;***

Tikkunsidra;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti illi s-somma

*li qiegħda tiġi mitluba hija* bilanċ a saldu ta' kont korrent li l-konvenut kien ikkuntratta mal-Banka "Anglo-Maltese", illum inkorporata mad-"The National Bank of Malta", li għaqqdet dak il-Bank mal-"*Banco di Malta*";

Illi ġà la darba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet rinunzjata, il-kontenzjoni, jew kontestazzjoni, tal-konvenut hija duplici: l-ewwel waħda *li l-attur nomine qiegħed jitlob l-interessi* komposti, kif jidher mill-istess kont eżibit; u t-tieni waħda, li l-imgħaxijiet issuperaw il-kapital;

Illi sabiex jiġu riżoluti l-kwistjonijiet sollevati hemm bżonn li jkun tenut preżenti l-istitut tal-kont korrent, li jinsab *a bażi* ta' l-obligazzjoni tal-konvenut;

Illi l-kuntratt tal-kont korrent ġie l-ewwel darba rudimentalment regolat mill-leġislatur tagħna mill-Att XXIX tassena 1983 (*għalkemm jissemma bħala li kien miexi f'dawn* il-Gżejjer fl-Ord. II ta' l-1898), Att li ġie nkorporat fil-Kodiċi Kummerċjali, Kap. 17 Edizzjoni Riveduta, taħt l-artikoli 320-328, *fejn fl-ewwel artikolu huwa definit*;

Illi għalkemm dan il-kuntratt ġie nkorporat fil-Kodiċi tal-Kummerċ, ma hemm xejn fil-liġi jew fl-użi lokali li jimpedixxi li l-istess jista' jiġi kuntrattat bejn persuni li ma humiex kummerċjanti, jew li waħda minnhom ma tkunx kummerċjanti (ara Annali, Vol. IV, p. II, paġ. 19, in re "Capei vs. Julien", Appell Firenze 21 ta' Marzu 1870) ; u meta jiġi hekk magħmul mill-persuni li ssemmew, huwa preżunt li dawk listess persuni riedu *jassoġġettaw ruħhom għal dawk l-użi*, li huma l-użi kummerċjali (ara Noblet, Des Comptes Courants, 138);

*Illi fost dawk l-użi huwa risaput li fil-kuntratt tal-kont* korrent l-interessi jimmaturaw "ipso jure", il-għaliex il-korrispondenti fil-kuntratt tal-kont korrent mhumiex mutwanti, iżda reċiprokament mandatarji; kif ukoll li l-interessi jistgħu jiġu akkumulati fuq il-kapital wara żmien konvenut (li, kif *sejjer jingħad aktar tard, jista' jkun ta'* sena, sitt xhur, tliet xhur, u anki kull xahar), sabiex jikkostitwixxu kapital ġdid (ara Pardessus, Diritto Mercantile, Vol. I, parte III, tit. III, sezzjoni 2, paġina 724, 725 u 726, *para. 475*); *kif ukoll li kull* entrata tikkostitwixxi novazzjoni;

Illi l-anatoċiżmu, jew l-interessi fuq l-interessi, huma skond il-liġi tagħna regolati mill-Kodiċi Ċivili (art. 1185 Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta), u ma jistgħux jitwieldu ħlief wara li jkunu skaduti u mill-ġurnata ta' talba ġudizzjarja, jew b'konvenzjoni posterjuri wara l-iskadenza; bil-kondizzjoni però, sija fl-ewwel kaž kemm fit-tieni ipotesi, li jkunu dovuti għal żmien mhux inqas minn sena;

Illi fil-Kodiċi Napoleoniku (art. 1154) tinsab l-istess dispożizzjoni bħal dik li tinsab fil-Kodiċi Ċivili Tagħna (differenti mid-dispożizzjoni 1232 tal-Kodiċi Ċivili Taljan li tikkontempla l-materja), fejn il-liġi, rigward l-anatoċiżmu ma għamlet ebda eċċezzjoni lanqas għad-debiti kummerċjali; eppure l-ġurisprudenza ta' dak il-pajjiż kważi unanimement ġiet għall-konklużjoni li għandha teżimi mir-restrizzjonijiet ta' l-anatoċiżmu, imposti fil-liġi ċivili, fil-materja kummerċjali, kemm il-darba hekk kienu jeżiġu l-użi relativi. Infatti l-Kassazzjoni Franċiża ddeċediet li l-kapitalizzazzjoni ta' l-interessi fil-kont korrent isseħħ "de plein droit" jew "ipso jure", meta l-interessi jkunu annwali (bla bżonn ta' domanda ġudizzjarja jew konvenzjoni speċjali) (ara Dalloz, vuċi "Compte Courant" sentenza tas-26 ta' Mejju 1812, u tal-Cour D'Orleans 26 ta' Awissu 1840, u oħra ta' Bordeaux 9 ta' Awissu 1940. 1940, paragrafi 74 u 96, paġina 585 u 590) tar-"Repertoire de Legislation", Vol. XI, Ediz. Paris, au Bureau de la Jurisprudence Generale, 1849); kif ukoll ġie deċiż minn dawk l-istess Qrati li jista' jkun hemm kapitalizzazzjoni, anki mingħajr konvenzjoni espressa (dejjem fil-materja tal-kuntratt tal-kont korrent) meta l-istess hija konsentita mill-użi notorji u kostanti tal-kummerċ għall-perijodi ta' sitt xhur, tliet xhur, u anki mensili (ara Dalloz, l-istess vuċi, paragrafu 98, opera ċitata, 590);

Illi minn dana jitnissel illi la fil-materji kummerċjali jew istituti tal-kummerċ, fin-nuqqas ta' provediment tal-liġi kummerċjali in materja, jidħol bis-setgħa tiegħu l-użu tal-merkatura, u biss fl-assenza ta' dawn l-użi għandu setgħa l-Kodiċi Ċivili (ara art. 3 Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 17 Edizzjoni Riveduta), l-artikolu tagħna dwar l-interessi fuq l-interessi, tal-Kodiċi Ċivili, barra minn għall-materji hemm kontemplati "expressis verbis" bla distinzjoni, isofri derogazzjoni kif fid-

*dritt* Franċiż l-artikolu tad-Dritt Ċivili 1154 "in subjecta materja" huwa ammess li fil-kamp li ssemma jsofri dik l-istess derogazzjoni, fuq il-bażi tal-konswetudini ġenerali u universali, li hija liġi;

*Illi milli jidher, il-ġurisprudenza lokali hija wkoll bħal* ġurisprudenza franċiża ta' dina l-opinjoni, għalkemm f'din il-ġurisprudenza l-aħħar imsemmija hemm xi vuċi dissenzjenti (ara Kummerċ 12 ta' Novembru 1901. "Negte. Alfonso Ellul ne. vs. Negte. Giovanni Mifsud", Vol. XVIII, P. III, paġ. 53; Kummerċ 19 ta' April 1926, "Onor. Alfonso Maria Galea et. ne. vs. Ferdinando Hass", Vol. XXVI-III-633; Kummerċ 11 ta' Mejju 1929, "Negte. Francesco Tabone vs. Luigi Piovano ne.", konfermata fuq dan il-pont mill-Appell fit-28 ta' Ġunju 1929);

*Illi ma hemmx bżonn jingħad li l-kuntratt tal-kont korrent* mhux kuntratt "per sè" ta' mutwu, anki jekk ikun hemm fih imdaħħla somom b'self;

*Illi kwindi mill-indoli u natura tal-kuntratt tal-kont korrent*, konfermata mill-użi kummerċjali lokali u omologata mill-ġurisprudenza tagħna, l-ewwel eċċezzjoni hija insostenibili;

Tikkunsidra;

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, u ċjoè li l-interessi ma jistgħux jissuperaw il-kapital, "ultra alterum tantum", u li ssib ir-radiċi tagħha fid-Dritt Ruman (ara C. 10, Codex IV, 32, li jitkellem biss fuq l-interessi arretrati, imma bil-C. 29, 30, Cod. u bin-Novella 121, c. 2, u Novella 138, dan il-prinċipju ġie estiż għall-interessi mħallsin bir-rati, iżda però hemm bżonn li jiġi notat li dawn il-passi ma humiex glossati), jiġi osservat;

Illi jekk hija permessa skond l-użi kummerċjali, fil-kuntratt *tal-kont korrent, il-kapitalizzazzjoni qabel* sena, u bla talba ġudizzjarja jew konvenzjoni, għar-raġunijiet li nfqalu fl-eżami u deċiżjoni ta' l-ewwel kwistjoni, fuq riżoluta, anki dina l-eċċezzjoni ma għandhiex bażi ġuridika; il-għaliex, la darba *tkun saret il-kapitalizzazzjoni ta' l-interessi skaduti*, l-indoli ta' l-interessi f'dawk il-flus kapitalizzati, oġġetti ta' l-obligazzjoni, tispiċċa, u l-istess flus interessi kapitalizzati jsiru ma' kull kapitalizzazzjoni, kapital, u bħala tali jiġu kunsi-

drati għall-effetti ġuridiċi sakemm l-obligazzjoni relativa ma testingwix ruħha; u kien għalhekk li Pardessus, fost awturi oħra, qal li fil-kont korrent il-kapitalizzazzjoni ta' l-interessi tmur sabiex tifforma kapital ġdid;

Illi la darba kwindi *bil-kapitalizzazzjoni l-interessi hekk* kapitalizzati ma jibqgħux interessi, imma jsiru kapital ġdid, ma jistax jingħad ġuridikament li huma jaqgħu *taħt is-sanzjoni* legali kontemplata fid-Dritt Ruman;

Illi kwindi anki taħt dan l-aspett id-difiza konvenuta ma hijiex *ġustifikata;*

Illi dwar l-ammont reklamat—neħħi dak li ntqal in oppożizzjoni u ġie riżolut—il-konvenut ma ġieb 'il quddiem ebda kwerela oħra; u billi l-istess ammont reklamat ġie pruvat debitu, il-konvenut tenut iħallsu;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u *tiddeċidi*, wara li *tiċħad l-eċċezzjonijiet konvenuti*, billi tilqa' t-talba attriċi; bl-ispejjeż kontra l-konvenut. *U b'hekk tponi fini għall-kawża f'dina l-istanza.*